# Il-Ħaddiema fl-Edukazzjoni: 2022-2023

NR215/2024 Data tal-Ħruġ: 15 ta' Novembru 2024

*L-għadd sħiħ tal-istaff tat-tagħlim u dak mhux tat-tagħlim fl-edukazzjoni formali matul is-sena akkademika 2022-2023 laħaq l-20,161 – żieda ta' 3.1 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika ta' qabel.*



Mill-20,161 ħaddiem fl-edukazzjoni formali, 10,336 minnhom kienu fi rwoli ta' tagħlim jew akkademiċi, filwaqt li d-9,825 l-oħra kienu fi rwoli li ma kinux ta' tagħlim dirett jew fi rwoli amministrattivi (Ċart nru 2). Il-biċċa l-kbira, jew 70.4 fil-mija, tal-istaff tat-tagħlim u dak mhux tat-tagħlim kienu nisa (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Id-distribuzzjoni perċentwali tal-istaff tat-tagħlim u tal-istaff mhux tat-tagħlim fl-edukazzjoni formali, bis-sess




Nota: Ara n-nota metodoloġika nru 11 għat-tifsir tal-gradi tal-istaff tat-tagħlim u tal-istaff mhux tat-tagħlim.

## Ċart nru 2. L-għalliema, l-istaff akkademiku u l-istaff li mhux tat-tagħlim, bis-sena akkademika




Nota: Ara n-nota metodoloġika nru 11 għat-tifsir tal-gradi tal-istaff tat-tagħlim u tal-istaff mhux tat-tagħlim.

**L-għalliema u l-istaff akkademiku**

Matul is-sena akkademika 2022-2023, l-għalliema u l-istaff akkademiku fl-istituzzjonijiet edukattivi ta' minn qabel il-primarja sal-livell terzjarju żdiedu b'1.0 fil-mija fuq is-sena akkademika ta' qabel, sabiex laħqu b'kollox 10,336 (Ċart nru 2, Tabella nru 1). Iż-żieda kienet ir-riżultat ta' żieda fl-istaff akkademiku fl-edukazzjoni ta' livell terzjarju (5.0 fil-mija meta mqabbla mas-sena akkademika ta' qabel). Mill-istaff tat-tagħlim u akkademiku kollu, 25.1 fil-mija kienu għalliema fil-livell terzjarju, filwaqt li 24.7 fil-mija kienu għalliema fil-livelli tas-sekondarja ogħla u postsekondarja mhux terzjarja. L-akbar sehem ta' għalliema kienu nisa b'66.0 fil-mija. L-għalliema full-time kienu jammontaw għal 81.8 fil-mija tat-total. Tqabbila mas-sena akkademika 2021-2022, turi li l-għalliema u l-istaff akkademiku li mhumiex Maltin żdiedu bi 17.1 fil-mija (Tabella nru 2).

Fil-livelli kollha tal-edukazzjoni taħt l-edukazzjoni terzjarja, il-persentaġġ ta' għalliema u staff akkademiku femminili kien ogħla minn dak maskili. Fil-livell terzjarju, il-persentaġġ tal-istaff akkademiku maskili kien ogħla minn dak femminili u kien jgħodd 61.0 fil-mija (1,581 persuna) (Tabella nru 3). Aktar minn nofs l-għalliema u l-istaff akkademiku full-time kienu jinsabu fl-edukazzjoni sekondarja baxxa, fl-edukazzjoni sekondarja ogħla, u fl-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (52.4 fil-mija tal-għalliema u l-istaff akkademiku full-time) (Ċart nru 3). Il-maġġoranza tal-għalliema u l-istaff akkademiku part-time kienu jaħdmu fl-edukazzjoni terzjarja (85.0 fil-mija) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 3. Id-distribuzzjoni perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi full-time[1] bil-livell ta' edukazzjoni[2]




## Ċart nru 4. Id-distribuzzjoni perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku fuq bażi part-time[1] bil-livell ta' edukazzjoni[2]




[1] Ara n-nota metodoloġika nru 11 għat-tifsir tal-gradi.

[2] Il-livelli ta' edukazzjoni jirreferu għal-livelli li jgħallmu fihom l-għalliema. Għall-klassifikazzjoni tal-edukazzjoni ara n-nota metodoloġika nru 10.

Nota: Il-persentaġġi jistgħu ma jgħoddux għall-mija fil-mija minħabba l-arrotondament.

Matul is-sena akkademika ta' riferenza, 16.0 fil-mija tal-għalliema u staff akkademiku kellhom bejn it-30 u l-34 sena. Warajhom, kien hemm dawk ta' bejn l-40 u l-44 sena bi 15.6 fil-mija (Tabella nru 4). L-akbar proporzjon ta' għalliema u staff akkademiku barrani kienu jaħdmu f'istituzzjonijiet privati – b'40.3 fil-mija tal-għalliema kienu ta' ċittadinanza barranija. Il-maġġoranza assoluta tal-għalliema u l-istaff akkademiku fl-edukazzjoni ta' minn qabel il-primarja sas-sekondarja ogħla u postsekondarja mhux terzjarja kienu Maltin (Ċart nru 5). Fil-livell terzjarju, 75.7 fil-mija tal-istaff akkademiku kienu Maltin, filwaqt li 24.3 fil-mija kienu barranin (Tabella nru 6).

## Ċart nru 5. Id-distribuzzjoni perċentwali tal-għalliema u l-istaff akkademiku, bit-tip ta' istituzzjoni u ċ-ċittadinanza




Nota: Ara n-nota metodoloġika nru 11 għat-tifsir tal-gradi.

Fis-sena akkademika 2022-2023 kien hemm proporzjon ta' 9.0 studenti għal kull għalliem. L-ogħla proporzjon kien irreġistrat fl-iskejjel privati bi 12.0-il student għal kull għalliem, filwaqt li l-inqas proporzjon kien fl-iskejjel tal-Istat bi 8.1 studenti għal kull għalliem (Tabella nru 7).

**Persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta' tagħlim dirett**

Matul is-sena akkademika 2022-2023, it-total ta' persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta' tagħlim dirett ammontaw għal 9,825, żieda ta' 5.3 fil-mija meta mqabblin mas-sena akkademika ta' qabel (Ċart nru 2, Tabella nru 1). In-nisa kienu jifformaw 75.1 fil-mija tal-persuni li ma kellhomx irwoli ta' tagħlim dirett. Aktar minn nofs dawn il-ħaddiema kienu 'Assistenti tal-għalliema', b'total ta' 4,998, jew 50.9 fil-mija tal-istaff kollu li ma jgħallimx. Barra minn hekk, kien hemm 300 assistent tar-riċerka u 408 persuni oħra li kienu ta' appoġġ pedagoġiku, u ta' appoġġ għas-saħħa u/jew soċjali fis-sena akkademika 2022-2023 (Tabella nru 8).

Aktar minn terz tal-assistenti tal-għalliema kellhom bejn it-30 u d-39 sena – 35.5 fil-mija (Tabella nru 9). Il-maġġoranza (67.1 fil-mija) kienu impjegati f'istituzzjonijiet immexxija mill-Istat (Tabella nru 10). Madwar tnejn minn kull ħames assistenti tal-għalliema kienu impjegati fl-edukazzjoni primarja (43.4 fil-mija tal-assistenti tal-għalliema) (Tabella nru 11).

L-għadd sħiħ ta' persuni fi rwoli ta' maniġment u maniġment ta' livell ogħla fl-iskejjel kien jilħaq l-1,482, żieda ta' 16.1 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika 2021-2022 (Tabella nru 12).